MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Appell Kriminali Numru. 277/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Vincenzo Abela**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Vincenzo Abela, karta ta' l-identita` numru 362869(M), talli fil-21 ta' Ottubru 2006 u fil-ġranet ta' qabel ġo Ker Grill, Labour Road, Marsa:

1. biegħ jew kellu fil-pussess tiegħu ħwejjeġ tal-ikel għall-konsum mill-bniedem ippakkjati minn qabel, li ma kellhomx fuq it-tikketta l-isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz tal-manifattur jew ta' min jippakkja, jew ta' bejjiegħ stabbilit f'Malta jew fil-Komunita` Ewropeja;

2. biegħ jew kellu fil-pussess tiegħu ħwejjeġ tal-ikel għall-konsum mill-bniedem ippakkjati minn qabel, li ma kellhomx fuq it-tikketta kull kondizzjoni għal ħżin speċjali jew kondizzjoni ta' użu;

3. biegħ jew kellu fil-pussess tiegħu ħwejjeġ tal-ikel għall-konsum mill-bniedem ippakkjati minn qabel, li ma kellhomx fuq it-tikketta d-data tad-durabilita` minima jew użu sa;

4. biegħ jew kellu fil-pussess tiegħu ħwejjeġ tal-ikel għall-konsum mill-bniedem ippakkjati minn qabel, li ma kellhomx fuq it-tikketta l-isem tal-bejgħ tal-prodott;

5. biegħ jew kellu fil-pussess tiegħu ħwejjeġ tal-ikel għall-konsum mill-bniedem ippakkjati minn qabel, li ma kellhomx fuq it-tikketta lista ta' ingredjenti;

6. xjentement kiser il-ħtiġiijiet t'avviż mogħti lilu minn uffiċjal awtoriżżat billi ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem ġie mneħħi u/jew inbiegħ jew inqered jew sar mod ieħor minnu sakemm l-avviż mogħti lilu minn uffiċjal awtoriżżat ma kienx għadu ġie rtirat;

7. naqas li jieħu dawk il-miżuri raġonevolment prattikabbli billi qiegħed oġġetti tal-ikel, li huma maħsuba jew raġonevolment mistennija li jiġu nġeriti mill-bniedem hekk li jinvolvu riskju ta' kontaminazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba barra milli tagħti l-konfiska tal-oġġetti esebiti kif ukoll tordna r-rifużjoni tal-ispejjeż kollha nkorsi mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Mejju 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat ir-regolament 5 ta' l-Avviż Legali 483/2004, l-artikolu 31 tal-Kap. 449 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 4 tal-Parti IX tal-Hygiene of Food Regulations 2002, sabet lill-imsemmi Vincenzo Abela ħati ta' kull imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u wara li ddikjarat illi dwar l-imputazzjonijiet miġjuba taħt l-Avviżi Legali m'hemmx kontemplat piena, mil-lat ta' piena rat l-artikoli 31(1)(2) u 43(1) tal-Kap 449 tal-Liġijiet ta' Malta u kkundannatu elf euro (€1000) multa, filwaqt li a tenur ta' l-artikolu 44 taċ-ċitat Kap. 449 ordnat il-kanċellament ta' kull liċenzja; dwar ir-rifużjoni tal-ispejjeż, iddikjarat li dawn imkien ma ġew kwantifikati;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Vincenzo Abela ppreżentat fit-12 ta' Ġunju 2013 fejn talab li din il-Qorti tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn huwa ġie ddikjarat ħati tal-ewwel, tat-tieni,

tat-tielet, tar-raba', tal-ħames u tas-seba' imputazzjonijiet u ma ġie kkundannat għal ebda piena fir-rigward, tirrevokaha, tikkanċellha u tħassarha fejn huwa ġie ddikjarat ħati tas-sitt imputazzjoni u kkundannat iħallas multa ta' €1000, kif ukoll fejn gie ordnat il-kanċellament tal-liċenzji kollha tiegħu, u minflok tilliberah mis-sitt imputazzjoni u mill-pieni kollha nflitti fis-sentenza appellata, skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti: (1) li ma kellux jinstab ħati tas-sitt imputazzjoni kif dedotta billi din mill-provi ma rriżultatx; (2) li, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ordni dwar il-kanċellament ta' kull liċenzja huwa null u mingħajr effett stante li ngħata wara l-qari tas-sentenza appellata b'żieda mal-piena li kienet ġiet diġa` moqrija.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jgħid:

> "Illi l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza, fis-sentenza appellata, iddikjarat li kienet qed tilqa' s-sottomissjonijiet maghmula mid-difiza fis-sens illi taht l-Avviz Legali citati mill-prosekuzzjoni fl-akkuza ma kien hemm l-ebda piena kontemplata. Dak li kien sottomess mid-difiza huwa li mkien fil-ligi ma hemm ikkontemplata piena ghall-ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Avviz Legali in kwistjoni.
>
> "Illi l-ewwel hames imputazzjonijijiet dedotti kontra l-esponenti huma bbazati fuq l-Avviz Legali 483/2004, li jittratta dwar it-twahhil ta' tikketti, prezentazzjoni u riklamar ta' oggetti tal-ikel, filwaqt li s-seba' imputazzjoni hija bbazata fuq l-Avviz Legali 264/2002 dwar l-igene tal-ikel. Hija biss is-sitt imputazzjoni li hija bbazata fuq id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 449 innifsu.
>
> "Illi ezami tal-Avviz Legali sucitati juri minnufih li mkien fihom wiehed ma jsib xi dispozizzjonijiet li tikkriminalizza jew tippenalizza l-ksur tad-dispozizzjonijiet l-ohra tal-istess Avvizi Legali. Min-naha l-ohra, jekk wiehed ihares lejn il-Kapitlu 449, din il-lacuna fil-ligi ma ssib l-ebda disposizzjoni biex tissanaha.
>
> "Illi l-Artikolu 43(1) u (2) tal-Kapitlu 449 jirrigwarda ksur tal-Artikolu 31 tal-istess Att. L-artikolu 43(3) tal-Kapitolu 449 min-naha l-ohra jipprovdi dwar *'Kull min jinsab hati ta' xi reat iehor kontra **dan l-Att**...'* (enfasi tal-esponenti). Huwa car ghalhekk li l-ligi in kwistjoni tippreskrivi piena biss ghal dawk il-kazijiet fejn il-ksur ikun kontra disposizzjoni tal-Att, u mhux kontra xi dispozizzjoni ta' xi regolamenti li jkunu saru taht dak l-Att. L-interpretazzjoni tal-ligi kriminali ma tistax issir b'mod estensiv, u fil-fatt fejn il-ligi riedet tirreferi ghar-regolamenti maghmula taht l-Att, dan ghamlitu espressament, kif jidher mill-Artikolu 42, 46 u 48 tal-Kapitolu 449.

"Illi fil-fatt, meta l-Onorablbi Qorti tal-ewwel istanza ghaddiet biex tikkommina l-piena lill-esponenti fis-sentenza appellata, dan hija ghamlitu b'referenza ghall-Artikolu 31 u ghall-Artikolu 43(1) tal-Kapitolu 449, liema disposizzjonijiet jirreferu esklussivament ghas-sitt imputazzjoni. Ghalhekk il-piena moghtija hija biss dwar is-sitt imputazzjoni, bil-konsegwenza li jekk l-esponenti jixraqlu li jigi liberat mis-sitt imputazzjoni, mela allura din il-piena wkoll trid tigi revokata u mhassra.

"Illi fil-fatt, dan l-aggravju huwa propju dwar is-sitt imputazzjoni. Dan ghaliex l-esponenti gie akkuza talli **<u>fil-21 ta' Ottubru 2006 u fil-granet ta' qabel</u>** go Kerr Grill, Labour Road, Marsa... xjentement kiser il-htigiet ta' avviz moghti lilu minn ufficjal awtorizzat billi ikel mahsub ghall-konsum mill-bniedem gie mnehhi u/jew inbiegh jew inqered jew sar b'mod iehor minnu sakemm l-avviz moghti lilu minn ufficcjal awtorizzat ma kienx ghadu gie rtirat.

"Illi r-reat kif ipotizzzat fl-akkuza kellu jigi ppruvat li sehh fil-21 ta' Ottubru 2006 u fil-granet ta' qabel. Issa mill-provi rrizulta illi l-21 ta' Ottubru 2006 kien il-jum li fih saret l-ewwel spezzjoni mill-ufficjali tad-dipartiment tas-sahha, u li fih l-oggetti li kienu identifikati bhala kontra l-ligi gew sigillati fil-freezer tal-esponenti. Huwa ghalhekk eskluz li dan ir-reat seta' sehh qabel il-21 ta' Ottubru 2006.

"Illi mill-provi rrizulta li kien biss fis-16 ta' Jannar 2007 li l-ufficjali tad-dipartiment tas-sahha sabu s-sigill in kwistjoni nieqes. L-esponenti xehed illi huwa kien stenna xi xhur sakemm fl-ahhar iddecieda li ma setax izomm il-freezer mimli bl-oggetti in kwistjoni, u nehha l-istess sigill. Ghalhekk mill-provi mhux talli ma jirrizultax li s-sitt imputazzjoni sehhet fil-21 ta' Ottubru 2006, talli jirrizulta abbundantement li din l-imputazzjoni sehhet ferm wara din id-data.

"Illi l-gurisprudenza taghna hija kostanti fl-affermazzjoni tal-principju li l-fatt allegat fl-akkuza, kif kwalifikat kemm fil-kok u kemm fil-jum u l-hin, irid ikun ippruvat anke b'referenza ghall-istess kwalifiki. L-esponenti sejjer umilment jiccita s-segwenti:

(a) **Il-Pulizija vs. Nicholai (Nicolai Christian) Magrin** (Appell Kriminali, 17/3/2008). Dan kien kaz fejn giet trattata l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* meta l-akkuzat tressaq mill-gdid fuq kaz li kien diga` tressaq fuqu u li minnu kien gie liberat minhabba li l-indikazzjoni tal-hin kienet tirreferi ghal filghaxija minflok filghodu. Fil-fatt, il-Qorti ddecidiet illi meta l-hin ikun indikat hazin fuq l-akkuza, dan iwassal biex il-fatt hekk allegat ikun materjalment differenti minn dak li suppost kellu jigi allegat, bil-konsegwenza li f'tali kaz l-akkuzat kellu jigi liberat, b'dan li seta' jitressaq mill-gdid fuq bl-akkuza korretta stante li din b'hekk tkun materjalment differenti mill-akkuza precedenti.

(b) **Il-Pulizija vs John Mary Briffa** (Appell Kriminali, 18/10/2005). Hawnhekk ukoll fl-akkuza kien ipotizzat reat li sar fis-7.30 p.m., mentri mill-provi rrizulta li l-fatti sehhew fis-7.30 a.m. Konsegwentement l-imputat gie liberat.

(c) **Il-Pulizija vs. Warren Piscopo** (Appell Kriminali, 19/10/2011). L-istess jghodd ghal dan il-kaz.

(d) **Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et** (Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 23/4/2012). F'dan il-kaz l-imputati kienu mixlija li wettqu sensiela ta' reati fil-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi 11 p.m., u mill-provi rrizulta li l-kaz sehh fil-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi 3.30 a.m.. L-imputati gew liberati fuq hekk.

"Illi ghalhekk l-esponenti ghandu jigi liberat mis-sitt imputazzjoni, u l-piena ta' €1000 multa u l-ordni ta' kancellament ta' kull licenzja tal-imputat ghandhom jigu konsegwenzjalment revokati."

**8.** L-avviż li għalih tirreferi s-sitt imputazzjoni huwa l-avviż li jinsab a fol. 27 tal-proċess u mmarkat Dok. CT. Permezz ta' dan l-avviż, numru ta' oġġetti ta' l-ikel li kienu bla tikketta ġew issiġillati taħt l-awtorita`tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika ġewwa *freezer*. Clive Tonna, *senior principal u health inspector,* qal li spjegaw lill-appellant il-konsegwenzi jekk ibagħbas is-siġill, u avżah li jekk ikollu bżonn jaċċedi għall-*freezer,* kellu jikkuntattja lid-Dipartiment. Dan seħħ fil-21 ta' Ottubru 2006. Sussegwentement, kif jirriżulta mix-xiehda ta' Alistair Lowell, *principal envrironmental health officer,* saret spezzjoni fis-16 ta' Jannar 2007 meta nstab li s-siġill kien tneħħa u l-appellant stqarr li kien rema t-tiġieġ u kien għad baqa' biss id-*duck burgers* u r-*rabbit burgers*. L-appellant ġie nfurmat li kienet se tinħariġlu ċitazzjoni talli kien neħħa s-siġill.

**9.** Issa, l-appellant ġie akkużat li l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu seħħew "fil-21 ta' Ottubru 2006 u fil-ġranet ta' qabel". L-appellant ammetta li fetaħ il-*freezer* wara "xhur", u dan wara li kien ġie nfurmat minn impjegata tad-Dipartiment meta ċempel il-Ħamrun li ma kinux jafu x'se jagħmlu bil-laħam. Huwa ferm verosimili li s-siġill ma nqatax fil-21 ta' Ottubru 2006, jiġifieri fl-istess ġurnata li sar, u indubitament ma setax jinqata' fil-ġranet ta' qabel, meta kien għadu ma sarx. Kwindi l-appellant ma setax jinstab ħati tas-sitt imputazzjoni.

**10.** L-appellant isostni illi per konsegwenza, ġaladarba l-ewwel Qorti qieset illi l-Avviżi Legali ma jikkriminalizzawx u ma jippenalizzawx il-ksur tad-disposizzjonijiet tagħhom u ġaladarba il-Kap. 449 ma jissanax din il-*lacuna,* huwa għandu jinħeles minn kull piena.

**11.** Ir-Regolamenti dwar l-Iġjene ta' l-Ikel (Avviż Legali 264/2002) u r-Regolamenti dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel (Avviż Legali 483/2004), huma regolamenti li saru bis-saħħa ta' l-Att dwar is-Sigurta` fl-Ikel (Att XIV tas-sena 2002 – Kap. 449 tal-Liġijiet ta' Malta). Huwa l-artikolu 10 tal-Kap. 449 li jagħti l-poter lill-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika biex jagħmel regolamenti. Is-subartikolu (6)

ta' l-imsemmi artikolu 10 jipprovdi: **"Kull persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' xi regolamenti magħmul skont is-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Għalhekk il-ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Avviżi Legali msemmija huwa meqjus bħala reat. Imbagħad is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 42 tal-Kap. 449 jipprovdi: **"Meta jkun hemm raġuni biżżejjed biex wieħed jaħseb li xi persuna tkun kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, il-Pulizija għandha, fuq ir-rapport tal-awtorità tas-saħħa, tibda proċedimenti kriminali kontra l-ħati quddiem il-qorti kompetenti"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**12.** Stabbilit li l-ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Avviżi Legali hu kriminalizzat, irid jiġi eżaminat jekk dawn humiex penalizzati. Is-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 43 tal-Kap. 449 jipprovdu għall-pieni applikabbli għall-ksur ta' l-artikolu 31 ta' l-istess Kap. 449. Is-subartikolu (3) imbagħad jipprovdi: **"Kull min jinsab ħati ta' xi reat ieħor kontra dan l-Att jeħel –"**. Il-Kap. 449 jikkontjeni, kif intqal, l-artikolu 10 li jagħti lill-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika l-poter li jagħmel regolamenti. Dan l-istess artikolu jelenka n-natura tar-regolamenti li hu awtorizzat jagħmel. Il-ksur tagħhom huwa meqjus reat. Il-ksur tagħhom għalhekk huwa meqjus bħala ksur kontra l-Kap. 449 u l-pieni applikabbli huma dawk li jipprovdi għalihom is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 43.

**13.** Kwindi l-appellant m'għandux raġun meta jgħid li l-liġi ma tipprovdix għall-kriminalizzazzjoni u penalizzazzjoni tal-ksur ta' regolamenti magħmula taħt il-Kap. 449. B'hekk l-ewwel Qorti ma kellhiex raġun meta laqgħet din is-sottomissjoni tad-difiża.

**14.** Issa, meta l-ewwel Qorti laqgħet tali sottomissjoni, hija ndikat fis-sentenza tagħha li l-piena li kienet qed tinfliġġi kienet unikament fir-rigward tas-sitt imputazzjoni. Difatti qalet speċifikatament li "mil-lat ta' piena rat l-artikolu 31(1)(2) u 43(1) tal-Kap. 449". Din il-Qorti qed issib illi l-appellant ma setax jinstab ħati tas-sitt imputazzjoni, u per konsegwenza jrid jinħeles mill-piena li l-ewwel Qorti mponiet għal dik l-imputazzjoni, jiġifieri multa ta' €1,000. Nonostante li sabet ħtija dwar l-imputazzjonijiet l-oħra, l-ewwel Qorti ma mponiet l-ebda piena dwarhom. L-Avukat Ġenerali ma appellax mis-sentenza, u għalhekk din il-Qorti hi prekluża milli tipprovdi ulterjorment.

**15.** Permezz tat-tieni aggravju l-appellant isostni li l-ordni dwar il-kanċellament ta' kull liċenzja huwa null u mingħajr effett stante li ngħata wara l-qari tas-sentenza appellata b'żieda mal-piena li kienet ġiet diġa` moqrija. Jgħid illi l-kanċellament tal-liċenzja sar bħala konsegwenza tal-fatt illi talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza appellata, sabiex jeżerċita d-dritt mogħti lilu mil-

liġi għall-appell. Dan ġie kkonfermat mid-difensur ta’ l-appellant. Malcolm Micallef, rappreżentant tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika stqarr li meta ġiet inflitta l-multa kien hemm kommozzjoni dwar il-multa u ntalbet is-sospensjoni ta’l-eżekuzzjoni tas-sentenza. Qal ukoll illi, għalkemm is-sospensjoni jew it-taħsir ta’ kull liċenzja jew liċenzji hu fid-diskrezzjoni tal-Qorti, id-Dipartiment ma talabx tali sospensjoni jew taħsir peress illi normalment dan jintalab meta il-ksur ta’ regolamenti minn imputat tkun ħaġa ripetittiva. Fiċ-ċirkostanzi, u fid-dawl tal-fatt li l-fond in kwistjoni ma baqax f’idejn l-appellant (meta xehed fis-6 ta’ Marzu 2013 qal li kien ilu sitt snin mhux f’idejh; u meta xehed Alistair Lowell fit-12 ta’ Mejju 2011 qal li l-fond in kwistjoni kien magħluq), din il-Qorti sejra wkoll tirrevoka l-ordni għall-kanċellament ta’ kull liċenzja ta’ l-appellant.

**16.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant ħati tas-sitt imputazzjoni u minnha tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannatu elf euro (€1,000) multa dwar din is-sitt imputazzjoni u in kwantu ordnat il-kanċellament ta’ kull liċenzja ta’ l-appellant, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------